MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2008

Rikors Numru. 6/2001/1

**Kummissarju tal-Art**

**vs**

**John Mary Agius u b'digriet tal-5/7/04 l-atti kienu trasfuzi f'isem Pawla Agius, Grace mart Grezzju Gerada, Doris mart Carmelo Galea, Frances u Maria Agius wara l-mewt tal-intimat.**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid:

Illi l-intimat gie notifikat b'Avviz ta' Ftehim datat 14 ta' Dicembru 2000 fejn gie nfurmat li l-kumpens li l-awtorita' komopetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art f'San Pawl il-Bahar ta' kejl ta' madwar 119 metri kwadri u tmiss mit-Tramuntana u mil-Lvant ma' proprjeta' tal-Gvern u mil-Lbic ma' proprjeta' ta' John Mifsud huwa ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) kif

jidher mir-rapport tal-perit Joe Mizzi A&CE tal-24 t'Ottubru 2000 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz tal-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tad-9 ta' Jannar 2001, l-intimat fost affarijiet ohra ddikjara li ma jaccettax il-kumpens offrut u jitlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400)

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jordna lill-intimat biex jitrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera 'l fuq imsemmija art u jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin, u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur ghal-evenetwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Illi l-intimat debitament notifikat b'dan ir-rikors, naqas milli tintavola risposta ghall-istess izda b'ittra ufficjali tieghu tad-9 ta' Jannar 2001 iddikjara illi l-kumpens li kien qed jistenna ghal dan l-esproprju huwa ta' Lm400.

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC Godfrey Vella u l-Perit AIC Joseph Briffa wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

"Qed jigi prezenzjalment stmat li l-kumpens gust, partikolarment tenut kont tal-lokalita ta' l-art in kwestjoni, ghandu jkun ta' tlett mija u hamsa u disghin lira maltija

(Lm395), jew disa mija u ghoxrin euro [ u ghaxar centezmi] (Euro 920 [.10]);

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jitrasferixxu bhala libera u franka b’titolu ta’ xiri assolut il-bicca art agrikola f’San Pawl il-Bahar ta’ kejl ta’ madwar 119 metri kwadri u tmiss mit-Tramuntana u mil-Lvant ma’ proprjeta’ tal-Gvern u mil-Lbic ma’ proprjeta’ ta’ John Mifsud versu l-kumpens ta’ disa mija u ghoxrin euro u ghaxar centezmi (Euro 920.10) Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fl-14 ta’ Jannar 2009 fis-2.00pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------